**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 10(6), 10(7) 18, 31, 112, 113, 115(c), 119, 121 (1), 392A, 453A (3-5), 532A, 532B u 533**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Kump. Nru.: 1092/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**NICOLAI (NICOLAI – CHRISTIAN) MAGRIN**
**(ID: 528174M)**

**Illum, 3 ta' Settembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **NICOLAI (NICOLAI-CHRISTIAN) MAGRIN** ta' wiehed u tletin (31) sena, bin Alfred u Maria Victoria nee' Cassar imwieled San Giljan fil-31 ta' Ottubru 1974, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 528174(M) tressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fix-xahar ta' April 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux jedd, u minhabba dan naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu u cirkonstanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ezaminatur tas-sewqan impjegat mal-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-Ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-Ligi,

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tal-imputat, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre giet mitluba biex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti u cioe' estratt mill-att tat-twelid tal-imputat (a fol. 5) u Fedina Penali (a fol. 6).

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali w sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-atti a fol. 100 u

rat li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif stqarrew fis-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Mejju 2007.

Rat ir-rikors kongunt prezentat mill-Avukat Generali u mill-imputat nhar it-tletin (30) ta’ Lulju, 2015 ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta’ Malta fejn gie espost:

*“Illi l-esponenti konguntivament, filwaqt li jiddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini ta’ l-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti ta’ l-akkuzat Nicolai sive Nicolai Christian Magrin ghall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta’ piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ sentejn (2), liema piena, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tigi sospiza ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin. Dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta’ Malta, fosthom l-interdizzjoni generali perpetwa.”*

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tletin (30) ta’ Lulju 2015 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq

biex jekk ried, setgha jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tletin (30) ta' Lulju 2015.

Il-Qorti rat l-Art. 392 A (6) tal-Kap. 9 u hija sodisfatta illi is-sanzjoni jew ahjar piena imsemmija fin-nota tal-Avukat Generali maghmula ai fini ta' dan l-Artikolu tal-Ligi, hija idoneja fic-cirkostanzi u be hsiebha tapplika dak suggerit mill-istess Avukat Generali w accettat mill-istess imputat.

Ghalhekk il-Qorti tordna li m'ghandhiex tkompli bis-smiegh ta' din il-kawza u ai termini tal-Artikolu appena msemmi tipprocedi biex taghti s-sentenza taghha kif indikata lilha mill-istess partijiet u qed jigi enfasizzat li tali sentenza qed tinghata fuq talba tal-istess partijiet.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 18, 31, 112, 113, 115(c), 119, 121 (1), 392A, 453A (3-5), 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta u tiddikjara li qed <u>issib lill-imputat NICOLAI (NICOLAI-CHRISTIAN) MAGRIN hati</u> u tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn prigunerija liema piena bl-applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' snin. Il-Qorti tordna wkoll l-interdizzjoni tal-imputat ghall-perjodu ta' ghaxar snin millum ai termini tal-Artikolu 10(6) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ai termini tal-Artikolu 10 (7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern a spejjez tal-imputat stante l-interdizzjoni imposta. Ghalhekk tordna li

din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jiehu hsieb jaghmel dak ordnat fis-sentenza.

Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.
Magistrat